# Stqarrija

## BirdLife Malta titlob lill-UE twaqqaf immedjatament l-istaġun tal-insib tal-għasafar tal-għana la l-Prim Ministru Robert Abela ta prijorità lin-nassaba u mhux lis-saltna tad-dritt.

BirdLife Malta (BLM) tikkundanna bis-saħħa d-deċiżjoni tal-gvern li jerġa' jiftaħ l-istaġun tal-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana bl-iskuża "tar-riċerka."

F'konferenza tal-aħbarjiet quddiem Kastilja, BLM ħabbret li qed tappella direttament lill-Kummissarju għall-Ambjent tal-UE u se titlob li jagħlaq immedjatament l-istaġun. BirdLife Malta ħeġġet lil Malta biex tirrispetta l-liġi tal-UE u d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jerġa' jiftaħ l-istaġun, tisfida il-verdett ċar tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kontra Malta u turi li l-Prim Ministru jinteressah biss mill-voti u mhux milli jagħmel dak li hu sewwa u jassigura li l-pajjiż qed iħaddan is-saltna tad-dritt.

"Il-Prim Ministru qed jaġixxi bħala l-avukat tan-nassaba aktar milli jimplimenta l-liġi tal-UE, filwaqt li qed jiġbed miegħu lill-Kabinett kollu u r-reputazzjoni tal-pajjiż. Id-difiża tiegħu għall-insib tal-għasafar tal-għana ma tirriflettix l-opinjoni pubblika li tagħraf ċar din il-maskra tar-"riċerka xjentifika" u li tagħti valur lill-ħarsien tal-ambjent bil-fatti milli lill-qbid bla bżonn tal-għasafar selvaġġi." Dan mhux l-uniku każ fejn il-Prim Ministru jagħżel li jkun l-avukat tal-ispekulaturi fil-Kabinett.

Din id-deċiżjoni tat aktar ħeġġa lil BLM biex tkompli ssaħħaħ ir-rieda tagħha. Dawn huma mumenti ta' għaqda għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-ambjent u n-natura. BLM qed tappella liż-żgħażagħ (li qatgħu qalbhom mill-politika lokali), lill-NGOs ambjentali, lill-assoċjazzjonijiet tar-residenti, u lill-politiċi, mill-mexxej tal-Oppożizzjoni sa deputati Laburisti veri li għandhom il-kuraġġ li jieqfu lil Robert Abela u jieħdu pożizzjoni mhux partiġġjana.

L-avviż legali li l-gvern ippubblika lbieraħ, ħarġu l-għada li l-Kummissjoni Ewropea tat xahar żmien mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, li matulu Malta riedet tgħarraf kif se timplimenta l-verdett tal-Qorti tad-19 ta' Settembru. L-aħħar avviż legali huwa sempliċiment eżerċizzju ta' 'copy u paste' minn snin preċedenti mingħajr ebda bidliet sinifikanti. L-avviż legali l-ġdid se jippermetti lil aktar minn 3,500 nassab biex jaqbdu għasafar tal-għana bl-

iskuża tar-"riċerka" u jiddikjara biss li dan huwa l-uniku mod kif Malta tista' twieġeb il-mistoqsija dwar minn fejn joriġinaw l-għasafar tal-għana li jpassu minn fuq Malta.

Ir-riċerka xjentifika genwina dwar il-migrazzjoni tal-għasafar ma teħtieġx l-insib fuq skala kbira ta' għasafar selvaġġi. Hemm diversi metodi alternattivi, li mhumiex invażivi, li bihom tista' tinġabar din l-informazzjoni. Id-dikjarazzjoni li ma teżisti l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti oħra hija bla bażi u qarrieqa. Il-miżuri deskritti bħala "sorveljati b'mod strett" mhumiex se jwaqqfu l-illegalitajiet, għaliex l-abbuż ta' dawn id-derogi huwa mifrux kif urew ċar esperjenzi tal-passat. Is-sena l-oħra, BirdLife Malta osservat diversi mnasab fejn l-ebda għasfur tal-għana ma nħeles lura fis-selvaġġ.

BirdLife Malta tistma, b'mod mill-aktar konservattiv, li fl-istaġun tal-insib tas-sena l-oħra biss, inqabdu u nżammu f'gaġġa aktar minn 51,400 għasfur tal-għana. Fl-istaġun ta' din is-sena hemm potenzjali li jinqabdu ħafna aktar għasafar tal-għana għaliex mal-2,851 sit tal-insib ingħatalhom permess li joperaw kuljum għal xahrejn, 235 mansab iktar mill-ammont ta' mnasab peremess għal tal-għana s-sena l-oħra.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Holoq utli:**
Advocate General's Opinion in Case 23/23 | Commission v Malta: ECJ-Info-Rapide-Press-Release.pdf (birdlifemalta.org)
Judgment in Case C-23/23 | Commission v Malta (Derogations for research purposes): IR240013.pdf (birdlifemalta.org)

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. Linnet (Ġojjin) in a cage_Photo by BirdLife Malta
2. Press Conference 1 in front of Castille 21.10.2024
3. Press Conference 2 in front of Castille 21.10.2024
4. Press Conference 3 in front of Castille 21.10.2024

**Filmati:**
1. Rampant abuse of the smokescreen finch 'scientific research' derogation - YouTube